MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 802/2007

**Edwin VELLA għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' "E&J Vella Limited" (C2136)**

**vs**

**Maria Theresa ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mid-debitriċi eżekutata Maria Theresa Attard fil-25 ta' Lulju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti tħassar għal kollox jew f'biċċa minnu l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv maħruġ kontra tagħha mill-kreditur eżekutant *nomine* fit-12 ta' Ġunju, 2007;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant Edwin Vella *nomine* fit-12 ta' Settembru, 2007, li biha laqa' għat-talba tar-rikorrenti billi qal li r-rikors huwa irritwali għaliex l-

artikolu 283A tal-Kodiċi li taħtu tressaq ir-Rikors mhux maħsub biex wieħed jinqeda bih biex jattakka taxxa tal-ispejjeż ta' kawża, liema proċedura hija maħsuba mod ieħor fl-istess Kodiċi. Iżid jgħid li fil-mertu wkoll it-talba tal-eżekutata ma jmisshiex tintlaqa' għaliex l-ammont mitlub fil-Mandat kien jirrifletti l-fatt li s-sentenza li bis-saħħa tagħha nħareġ il-Mandat kienet ikkundannat lill-istess eżekutata tħallas l-ispejjeż tal-kawża għal darbtejn. Għalhekk, jgħid ukoll li din il-proċedura kienet magħmula bi frugħa u maħsuba biss biex iddejjaq lill-eżekutant u biex l-eżekutata tipprova taħrab milli twettaq l-obbligi legali tagħha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors, tal-Mandat li għalih jirreferi u wkoll tal-kawża li bis-saħħa tas-sentenza tagħha nħareġ il-Mandat u t-taxxa tal-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Settembru, 2007, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Din hija azzjoni biex twaqqa' Mandat Eżekuttiv. Ir-rikorrent trid li l-Mandat Eżekuttiv li ħareġ kontriha l-intimat Vella f'isem il-kumpannija tiegħu jitwaqqa' għal kollox, jew f'biċċa minnu, għaliex tgħid li l-ammont mitlub bħala spejjeż fil-Mandat huwa ħażin għaliex "ma tikkonformax mat-taxxa ta' din il-kawża maħruġa fit-28 ta' Ottubru, 2003... u għalhekk t-taxxa ottenuta mill-eżekutant u li qiegħda tiġi eżegwita bis-saħħa ta' dan il-mandat hija invalida";

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat eżekutant Vella jqis din il-kawża bħala aġir fieragħ ta' inkejja min-naħa ta' Vella bil-ħsieb li ma tagħtihx dak li jistħoqqlu. L-intimat jgħid li Attard, jekk dehrilha, messha attakkat it-taxxa tal-ispejeż bil-proċedura li l-liġi taħseb għaliha għal dan l-għan u mhux tipprova ċċaħħdu wkoll minn dak li jistħoqqlu jitħallas mingħandha wara sentenza li saret ġudikat, u

f'liema sentenza mogħtija mill-Qorti talAppell, hija kienet kundannata tħallas l-spejjeż għal darbtejn. Huwa jgħid li l-Mandat inħareġ sewwa u ma hemm l-ebda raġuni għaliex għandha tintlaqa' t-talba għat-tħassir tal-Mandat;

Illi jirriżulta li s-sentenza li bis-saħħa tagħha nħarġet it-taxxa ġudizzjarja li tikkostitwixxi, skond l-intimata, t-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu ntalab il-ħruġ tal-Mandat, kienet tagħmilha ċara[1] li l-konvenuta f'dik il-kawża (jiġifieri r-rikorrenti tal-lum) kellha tbati l-ispejjeż tal-appell għal darbtejn. Il-Mandat tressaq u nħareġ fit-12 ta' Lulju, 2007, u kien jitlob il-ħlas tal-spejjeż tal-kawża (magħdud magħhom l-ammont ta' Taxxa ta' Valur Miżjud) skond l-istess imsemmija sentenza mogħtija fl-10 ta' Ottubru, 2003. Bil-Mandat kienu notifikati seba' sekwestratarji. L-ammont kollu mitlub fil-Mandat kien ta' sitt elef mitejn u dsatax-il lira Maltija u sitta u għoxrin ċenteżmi (Lm 6219.26);

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ jibda biex jingħad li din il-Qorti diġa' wriet f'deċiżjonijiet oħrajn li hija tat qabel din li hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 283A fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ[2]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;

Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi

[1] Dok "X", f'paġ. 16 tal-proċess

[2] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: **LXXXV.ii.414**)

difett fil-forma[3]. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;

Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xiħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżekuttiv;

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti qegħda tgħid li l-Mandat ma jgħoddx għaliex it-taxxa mhix konformi ma' taxxa maħruġa erba' snin qabel. Il-Qorti tibda biex tagħmilha ċara li t-titolu eżekuttiv li qiegħed jistrieħ fuqu l-intimat eżekutant Vella m'huwiex it-taxxa tal-ispejjeż, imma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2003. Dan joħroġ ċar mill-Mandat innifsu. Naturalment, minħabba li l-Mandat kien immirat li jiġbor l-ispejjeż tal-proċeduri magħluqin bl-imsemmija sentenza, tabilfors kellha titressaq kopja tat-taxxa ġudizzjarja bħala prova ta' dak li kien qed jintalab. Din il-Qorti qabblet it-taxxa mehmuża mal-Mandat mal-kopja tat-taxxa mehmuża mar-Rikors tal-

[3] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)

eżekutata u ssib li dawn, għajr xi dettalji żgħar fil-firem ta' l-uffiċjali tal-Qorti li ħarġuha u d-data ta' meta nħarġet it-taxxa, huma għal kollox l-istess. Fuq kollox, it-taxxa fiż-żewġ każijiet taqbel ukoll mat-taxxa mehmuża mal-atti tal-kawża maqtugħa bis-sentenza tal-10 ta' Ottubru, 2003;

Illi fil-każ li għandna quddiemna, jidher li l-Mandat inħareġ fuq il-bażi ta' titolu eżekuttiv li għadu fis-seħħ. Mad-daqqa t'għajn, jidher li l-Mandat iħares dak kollu li tipprovdi l-liġi għas-siwi tiegħu[4] u ċertament inħareġ minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Reġistratur tal-Qrati. Iżda l-Qorti qegħda tqis li, minn eżami aktar bir-reqqa tal-istess Mandat (u kif ukoll tal-proċess tal-kawża li għalih jirreferi), joħroġ dettal li fil-fehma tagħha jista' jindirizza f'biċċa minnu l-ilment tar-rikorrenti, għalkemm ma jwassalx għat-tħassir tal-Mandat;

Illi minn dak li l-Qorti tista' tara mill-atti li għandha quddiemha, is-somma mitluba fil-Mandat hija akbar mill-ammont ta' spejjeż taxxati favur l-intimat eżekutant fit-taxxa ġudizzjarja relattiva. Il-kolonna relattiva għal-ispejjeż tal-attur *nomine* fil-kawża jidhru li jammontaw għal tlitt elef tliet mija u ħdax-il lira Maltija u tnejn u sittin ċenteżmi (Lm 3311.62). L-ammont mitlub fil-Mandat bħala spejjeż (mingħajr ma jintgħadd is-sehem ta' Taxxa għall-Valur Miżjud) huwa ta' ħamest elef tliet mija u disgħa u erbgħin lira Maltija u tmienja u għoxrin ċenteżmi (Lm 5349.28). L-għaref avukat tal-intimat fisser li dan sar għaliex, ladarba s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ikkundannat lill-konvenuta appellanti (jiġifieri r-rikorrenti eżekutata f'din il-kawża tal-lum) tħallas l-ispejjeż tal-appell għal darbtejn, bilfors li l-ammont muri fit-taxxa kellu jkun irdoppjat f'dik l-istanza;

Illi huwa minnu li l-intimat eżekutant *nomine* kien intitolat li jitlob l-ispejjeż doppji mingħand l-appellanti fl-istadju tal-appell, iżda dan ma jfissirx li kellu dejjem jirdoppja l-ammont li joħroġ mit-taxxa, kif jidher li sar meta wieħed jara d-dokument mehmuż mal-Mandat u jsib bħal kalkolu maħdum bl-idejn biex ifisser għaliex intalab l-ammont li ntalab;

[4] Art. 274 tal-Kap 12

Illi mill-imsemmija taxxa ġudizzjarja, jirriżulta li d-dritt taxxat lill-Avukat wara s-sentenza tal-ewwel istanza kien jitla' għal ħames mija u ħamsa u tletin lira Maltija (Lm 535), filwaqt li dak tal-Prokuratur Legali jammonta għal mija u tmienja u sebgħin lira Maltija u tlieta u tletin ċenteżmi (Lm 187.33), b'kollox seba' mija u tlettax-il lira Maltija u tlieta u tletin ċenteżmi (Lm 713.33). Id-dritt tar-Reġistru kien ta' mija u tnejn u tmenin lira Maltija (Lm 182). Issa, skond il-liġi[5], meta jsir appell id-drittijiet stabiliti għandhom jiżdiedu b'terz ($^{1}/_{3}$). Fil-każ tal-lum, dan ifisser li d-dritt tal-avukat kellu jitla' għal Lm 713.33, filwaqt li dak tal-Prokuratur Legali kien jitla' għal Lm 231.83. Minħabba li s-sentenza ordnat lill-appellanti tħallas l-ispejjeż għal darbtejn, allura l-imsemmija ammonti kellhom ikunu d-doppju. Meta wieħed iħares lejn it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji f'dan il-każ għandu jsib li l-ammont taxxat kemm lill-avukat u kif ukoll lill-Prokuratur Legali fl-istadju tal-appell jidher li minnu nnifsu jieħu qies tal-fatt tal-kundanna għall-ispejjeż doppji u dan għaliex id-dritt tal-avukat huwa mniżżel bħala Lm 1526 filwaqt li dak tal-Prokuratur Legali huwa mniżżel bħala Lm 508.66;

Illi dan ifisser li meta l-intimat eżekutant reġa' immoltiplika d-drittijiet taxxati għal darbtejn, kien qiegħed jitlob dritt daqslikieku l-eżekutata weħlet l-ispejjeż tal-appell għal erba' darbiet. Din iċ-ċirkostanza jidher li qabżet għal kollox lir-Reġistratur meta kien qiegħed jikkollazzjona l-Mandat u li qabel mal-ammont kif maħdum mill-kreditur eżekutant;

Illi ladarba dawk l-ispejjeż kienu marbutin mal-kawża kif maqtugħa, u ladarba s-sentenza titkellem speċifikatament dwar min mill-partijiet kellu jħallas tali spejjeż, l-intimat ma jistax ħlief jesegwixxi **s-sentenza** (li huwa t-titolu eżekuttiv waħdieni li tassew jista' jesegwixxi fil-konfront tar-rikorrenti Attard) u allura ma jistax jesegwiha ħlief skond ma dik l-istess sentenza tipprovdi;

---

[5] Tariffa "A", par 3(5) tal-Iskeda A tal-Kap 12

Illi, għalhekk, lill-Qorti jirriżultalha li għalkemm ma hemm l-ebda raġuni tajba biex l-istess Mandat jitħassar, għall-finijiet ta' ħaqq u sewwa u minħabba li jidher li sar żball minn min talab il-ħruġ tal-Mandat, l-ammont mitlub fl-imsemmi Mandat għandu jissewwa biex ikun jirrifletti fedelment dak li huwa tassew dovut. F'dan il-każ, għalhekk, is-somma li trid tintalab fil-Mandat għandha tkun sewwasew dik indikata fit-taxxa mehmuża miegħu bla mittiefsa. Għalhekk, fir-rigward, u għar-raġunijiet fuq imfissra, l-ammont xieraq tal-Mandat għandu jkun ta' tlitt elef tmin mija u ħmistax-il lira Maltija u sebgħa u tletin ċenteżmi (Lm 3815.37) li jinqasmu kwantu għal tlitt elef tliet mija u ħdax-il lira Maltija u tnejn u sittin ċenteżmi (Lm 3311.62) bħala spejjeż taxxati dovuti u kwantu għal ħames mija u tliet liri Maltin u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (Lm 503.75) bħala Taxxa għall-Valur Miżjud fuq l-istess;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba tar-rikorrenti eżekutata**, iżda qegħda tnaqqas is-somma tal-Mandat għal Lm 3815.37.

Fiċ-ċirkostanzi, kull parti għandha terfa' **l-ispejjeż tagħha**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------